MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MEDJA

Minn żmien għal żmien, l-Awtoritá għas-Servizzi ta' Malta (l-MFSA) tinforma lill-pubbliku dwar żviluppi fl-oqsma fil-kompetenza tagħha. L-Awtoritá diġa ħarġet numru ta' stqarrijiet dwar l-investigazzjonijiet li kienet u għadha qed tmexxi fil-konfront tal-La Valette Multi Manager Property Fund Sicav.

L-Awtoritá minn dejjem insistiet illi se taqdi d-dmirijiet tagħha bir-reqqa u bir-responsabbiltá, u li se tirresisti pressjoni biex tagħti data sa meta tlesti l-investigazzjonijiet tagħha, data li tista' tkun ottimista iżda mhux realistika. Iddikjarat ukoll li ma kinetx se toqgħod tiddibatti jew tispekula fil-medja dwar dan is-suġġett.

L-ewwel rapport tal-Awtoritá ġie ppubblikat f'nofs Ġunju li għadda, u b'riżultat ta' dak li nstab, żewġ kumpanniji nvoluti fil-Fond weħlu multa totali ta' €347,816 minħabba ksur ta' regolamenti. Investigazzjonijiet oħra eżaminaw jekk il-Fond inbiegħx lil investituri li ma kienux eliġibbli, u jekk kienx hemm persuni konnessi mal-Fond li biegħu sehemhom meta kienu fil-pussess ta' nformazzjoni li ma kinetx pubblika, u l-Awtoritá waslet għall-konklużjonijiet tagħha f'dawn iż-żewġ każi. Il-proċess issa qiegħed fl-istadju fejn, kull min għandu nteress, jintalab jibgħat is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Awtoritá.

Bħalma ġara fl-ewwel investigazzjoni, jekk jinstab illi persuna awtorizzata jew xi persuna oħra kisret xi provvediment tal-liġi jew xi regolament, l-Awtoritá timponi dawk is-sanzjonijiet amministrattivi xierqa, u xxandar stqarrija dwar dan. Sakemm tixxandar xi stqarrija f'dan is-sens, il-proċeduri kollha jibqgħu suġġetti għal regoli stretti ta' kunfidenzjalitá.

Tajjeb jitfakkar illi, għalkemm l-MFSA għandha diversi responsabbiltajiet u poteri skont il-liġijiet li jirregolaw is-settur tas-servizzi finanzjarji, l-Awtoritá mhijiex Qorti, u anqas ma tista' taġixxi ta' arbitru fi kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu bejn kumpannija awtorizzata u l-klijenti tagħha. Partikolarment fil-qasam tal-ilmenti tal-konsumatur, dak li tirrakkomanda l-Awtoritá, la jorbot lill-kumpanijja awtorizzata u lanqas lil min għamel l-ilment. Għaldaqstant, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn kumpannija awtorizzata jew konsumatur, jew it-tnejn li huma, jagħżlu li ma jaċċettawx dak li tirrakkomanda l-Awtoritá.

Il-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi fi ħdan l-Awtoritá dejjem jinforma lil min għamel ilment dwar l-eżitu tal-ilment, u jirrakkomanda li l-konsumatur jieħu parir professjonali u ndipendenti, l-aktar f'dawk il-każi fejn il-konsumatur ma jkunx kuntent b'dan ir-riżultat.

Iżda jibqa' bla mittiefes, f'kull każ, id-dritt ta' investitur li jfittex kumpens permezz ta' proċeduri legali/ġudizzjarji.

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**23 ta' Awissu 2011**
**Ref: MFSA MR 07/2011**